MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2008

Numru 610/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**vs**

**Dolores Galea nee' Savona**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Dolores Galea nee' Savona, ta' 47 sena, bint Joseph u Concetta nee' Lia, Zabbar, nhar il-5 ta' Ottubru 1959 u li bhalissa tghix gewwa fond bin-numru 33, 'Ave Maria', Triq Spadaro,

Zabbar, detentura tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 662059(M).

Billi giet akkuzata talli nhar it-8 ta’ Gunju 2007, waqt li kienet gewwa, l-Isptar Monte Karmeli, sitwat gewwa Attard:-

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, tikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe’ offiza ta’ natura gravi fil-gisem jew fis-sahha ta’ Mary Cachia, liema hsara tista’ ggib periklu ta’ debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew difett permanenti f’parti ta’ l-ghamla tal-gisem jew iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f’wahda mill-idejn ta’ l-offiz u dan skond ma iccertifika Dr Nigel Camilleri MD mill-Isptar Monte Karmeli u dan bi ksur ta’ artikolu 141 tal-Kap 9 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bhala ufficjal pubbliku ikkomettiet reat li hi bhala ufficjal pubbliku kellha fid-dmir tissorvelja li ma jsirx jew li minhabba u l-kariga taghha hi kellha d-dmir li timpedixxi milli jsehh u dan bi ksur ta’ artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet taghha, ghamlet jew naqset li taghmel xi att, b’taghkis jew bi hsara ta’ haddiehor u dan bi ksur ta’ artikolu 138 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’kaz ta’ htija il-Qorti giet gentilment mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Mary Cachia u tapplika l-provedimenti ta’ Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok RM2 u nnutat li l-imputata m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difisa.

F'dan l-istadju issir referenza ghad-deposizzjoni ta' PS 914 Ivan Mifsud li fis-Seduta tat-12 ta' Settembru, 2007, qal:

"Nghid fid-9 ta' Gunju tas-sena kurrenti 2007 jiena kont qieghed xoghol l-Ghassa Naxxar inlahhaq id-Distrett ta' Birkirkara. U nghid illi ghal habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija jiena gejt infurmat minn WPC 197 Stephanie Zammit Borg li dina irceviet telefonata minn numru 112. Dina gie allegat illi kien hemm pazjenta gewwa l-ward 3 A fl-isptar Monte Carmeli li dina giet imsawta minn xi infermiera. Nghid it-telefonata kienet anonima. Jiena imbaghad mort l-isptar fl-imsemmija sala u jiena tkellimt ma Josephine Bezzina. Din hija enrolled nurse fl-imsemmija ward. Jiena x' hin mort u saqsejtha dwar l-incident dina qaltli li fil-gurnata ta' qabel kien hemm pazjenta certa Mary Cachia numru ta' Karta ta' identita' 577139 M. U din kellha incident waqt li waqghet minn fuq is-sodda. Dina l-enrolled nurse sejhet tabiba biex hi tkun tista' tkellimni ulterjorment. U dina giet Dr Abigail Cassar Parnis MD. It-tabiba rat ir-records u kien hemm imnizzel incident fejn l-imsemmija pazjenta kienet waqghet. Qieghed nesebixxi dokument illi juri l-estratt mid-dokumentazzjoni medika li kienet rat it-tabiba li semmejt f' din l-okkazzjoni li qed jigi esebit u mmarkat bhala dok IM 1.

Inzid nghid illi dakinhar din it-tabib ma hallitniex inkellmu lil din imsemmija pazjenta ghax hi qalet li riedet permess minghand il-konsulent Dr Vella Baldacchino. Nghid illi fl-istess ward minn wara l-hgieg innutajna persuni li bdew jaghmlu indikazzjonijiet fil-konfront ta' pazjenta li din kellha ferita f' wiccha u dawna bdew jghidulna u jindikaw lil din il-persuna li wara irrizultali li kienet il-pazjenta Mary Cachia u bdew jghidulna ara x' ghamlulha. Inzid nghid illi

imbaghad l-ghada u cioe' l-10 ta' Gunju 2007 jiena tlajt l-isptar Monte Carmeli flimkien ma l-Ispettur Ramon Mercieca u ma Surgenti ohrajn biex inkellmu lil pazjenta Mary Cachia pero' kellimna lit-tabib tal-Ghassa Anthony Cachia u qalilna li l-permess tal-Konsulent ghadu ma harigx.

U ghalhekk dakinhar il-pazjenta Mary Cachia ma kellimnihiex. Inzid nghid li fit-13 ta' Gunju tas-sena kurrenti jiena kelli l-permess bil-miktub minghand il-Konsulent biex inkunu nistghu inkellmu lil Mary Cachia liema permess u precizament kopja ta' l-istess permess qieghed nesebixxi bhala dok IM 2. Jiena kellimt lil Mary Cachia u dana fil-presenza ta' WPS 61 Mary Cuschieri u s-Sur George Degiorgio li huwa Manager fl-isptar Monte Carmeli. Dina Mary Cachia allegat illi fid-data ta' l-incident u cioe' fit-8 ta' Gunju 2007 dina kellha argument ma certa pazjenta jisimha Angela. U din Mary Cachia biex tevita l-inkwiet kienet sejra lejn in-Nurses, harget fil-pront il-kbira tas-sala li imbaghad irrizultalna li kienet l-imputata li qed naghrafha prezenti fl-Awla.

Skond din Mary Cachia dina qabdet lil Mary Cachia minn xaghrha u haditha go kamra li jghidulha time out room. Hija qalet li wara xi hin intilfet minn sensiha u qalet li hasset id-demm niezel ma wiccha u hasset bocca fuq ghajnejja. Din ziedet tghidli li wara gew zewg infermieri u huma ghenuha u anke gabulha tabib. Jiena imbaghad fl-14 ta' Gunju tas-sena 2007 kellimt lill-imputata Dolores Galea.

Dina qalet li fil-5.30 ta' filghaxija ta' 8 ta' Gunju 2007 qalet illi kienu ghalqu lil Mary Cachia fit-time out room u l-kliem ezatt li qaltli kienet "Ghalaqniha" u qalet ukoll li kienu hallewha bil-bieb miftuh. Ziedet tghid li xi s-sitta ta' filghaxija hija semghet xi storbju gej mit-time out room. Hija marret sabet il-bieb maghluq u l-pazjenta kellha d-demm ma wiccha. U kienet nofsha fl-art u nofsha fuq is-sodda. Hija ziedet tghid li gabet lizar mill-kamra ta' faccata u ikkurawha. U kienu ghajtu lit-tabib, it-tabib ried jaghmlilha l-punti pero' hi rrifjutat. U tawha injection tat-tetanu.

Imbaghad qalet li saret ir-rapporti li solitament isiru. Jiena kkonfrontajt lil dina l-imputata b' dak li kienet qaltli l-pazjenta u cioe' li skond il-pazjenta kienet gibditha minn xaghrha u l-imputata cahditu dan. Jiena ma kontx saqsejt l-imputata ghala kienu ghalqu lil pazjenta fit-time out room. Nghid x' hin kellimt lil imputata mieghi kien hemm WPS 61. Nghid illi jiena ghamilt diversi tentattivi biex nigi nfurmat minn Dr Nigel Camilleri MD dwar in-natura sofferti minn Mary Cachia u nghid illi fit-2 ta' Lulju 2007 wasalli certifikat ghandi liema certifikat ma indikawx jekk il-feriti kienux ta' natura hafifa jew wahda gravi. Minkejja l-fatt li jiena ma Dr Camilleri insistejt diversi drabi biex huwa jiccertifika jekk il-griehi kienux ta' natura hafifa jew gravi.

Qieghed nesebixxi c-certifikat li rcevejt li qed jigi esebiet u mmarkat IM 3. Jiena dakinhar li rcevejt ic-certifikat kont hrigt l-akkuzi mas-seduta normali tad-Distrett. L-ghada u cioe' fit-3 ta' Lulju tas-sena 2007 jiena dhalt ghax-xogholu sibt certifikat iehor minghand Nigel Camilleri MD li kien jindika li l-feriti sofferti mill-istess pazjenta Mary Cachia kienu ta' natura gravi. Inzid nghid illi meta jiena kont kellimt lil pazjenta Mary Cachia il-pazjenta kienet talbet li jittiehdu passi fil-konfront ta' l-imputata Dolores Galea. Nixtieq hawnhekk nipprezenta ic-certifikat li ghamilt referenza ghalih li jiena imbaghad ircevejt l-ghada u cioe' fit-3 ta' Lulju 2007 liema certifikat qieghed jigi esebit u mmarkat bhala dok IM 4.

Jiena dwar dan l-incident ghamilt rapport li jgib numru H/R/2099/2007 u dana rigwardanti dana r-rapport qieghed nipprezenta okkorenza liema okkorenza dahhaltha jiena stess u jiena iffirmajtha. U qeghda tigi esebita bhala dok IM 5." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issir ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta' Dr Nigel Camilleri MD li fis-Seduta tat-12 ta' Settembru, 2007, qal:

"Qed nigi muri dokument dok IM 1. rigwardanti dan id-dokument li huwa konsistenti f' zewg faccati in kwantu ghal mili ta' l-ewwel faccata ma sarx minni. In kwantu ghat-tieni faccata dina l-faccata hija minni mimlija. Qieghed naghraf il-firma tieghi fuq din il-faccata. Pero'

nixtieq nghid li huwa dokument wiehed. L-ewwel parti u cioe' l-ewwel faccata tkun mimlija min-Nurse Involut u imbaghad pero' id-dokument ikun iffirmat minni. Nghid illi l-ewwel parti ta' dan id-dokument u cioe' allura qed nirreferixxi ghal ewwel faccata giet mimlija min-Nursing Officer li kien in charge fid-data tat-8 ta' Gunju tas-sena 2007. Dan vuol diri min kien in charge tal-ward 3A. Nixtieq nghid illi jiena fil-parti fejn imlejt jiena fejn nizzilt illi l-pazjenta soffriet fall nghid illi dina nizziltha skond l-informazzjoni li n-Nursing Officer duty li kienet fit-8 ta' Gunju 2007 kienet infurmatni.

Nghid kienet l-imputata in-Nursing Officer li nfurmatni b' dana u li kienet imliet l-ewwel parti tad-dokument IM 1. Qed nigi muri d-dokument dok IM 3. Nikkonferma li dan huwa certifikat mediku minni rrilaxxat. B' referenza ghad-dok IM 4 nghid illi dan huwa dokument Mediku minni rilaxxat. B' referenza ghal dok IM 3 jiena ma nizziltx il-klassifika tal-griehi u cioe' jekk hux hfief jew gravi u dana nixtieq hawn nghid illi veru PS 914 Ivan Mifsud f' diversi drabi lili kien talabni nirilaxxa c-certifikat b' tali klassifika u cioe' jekk hux hfief jew gravi. Nghid illi jiena pero' kelli ordni minn Dr Anton Grech MD li huwa konsulent li dan qalli li jiena m' ghandiex inizzel il-klassifika ghaliex dak huwa kompitu tal-Qorti li imbaghad tiddeciedi jekk ikunux hfief jew gravi.

Nghid fuq dana ic-certifikat mediku dok IM 3 ma hemmx data imnizzla ghax insejt. Dan vuol diri jew fid-9 jew fl-10 ta' Gunju 2007. b' referenza ghad-dok IM 4 nikkonferma li dan huwa certifikat mediku minni rilaxxat. Nghid illi dan ic-certifikat jiena irrilaxxajtu xi 10 t' ijiem wara ot-8 ta' Gunju 2007. Jiena f' dan ic-certifikat ghamilt lista ta' griehi bhala ta' natura gravi. Nixtieq nghid illi ahna tghallimna illi s-soltu meta ferita tkun fuq il-wicc innizluha bhala gravi. Stante l-insistenza tal-Pulizija biex nirilaxxa certifikat mediku bi klassifika tan-natura tal-griehi u stante li imbaghad s-Superjur tieghi Dr Anton Grech qalli li in vista ta' tali insistenza tal-Pulizija allura nirilaxxa certifikat u nikklasifika n-natura tal-griehi jien hekk ghamilt. B' hekk hareg id-dokument certifikat mediku dok IM 4. <u>Nghid</u>

meta jiena kont invistajt lil pazjenta Mary Cachia fit-8 ta' Gunju 2007 u jiena ghidtilha li kellha bzonn naghmlilha l-punti dina irrifjutat.

Rajt li kienet irrabjata hafna u bdiet tghidli illi ha taghmel ir-rapporti u dina irrepetieta. Pero' ma qaltliex ezattament x' kien gara." (Sottolinjar tal-Qorti)

In kontro-ezami l-istess xhud, fl-istess seduta, qal:

"Nixtieq nghid hawn fuq domanda li qed issirli mid-Difiza in kwantu ghad-dokument dok IM 4 certifikat mediku minni rilaxxat nghid jista' jkun illi effettivament dak ic-certifikat ghamiltu xahar wara it-8 ta' Gunju 2007. Nghid illi ma neskludiex illi dok IM 4 ghamiltu fit-3 ta' Lulju 2007 u nghid illi in kwantu ghal dok IM 3 dana ghamiltu, dana kont ghamiltu bejn wiehed u iehor fl-10 ta' Gunju 2007. Nghid jiena qabel ma hrigt dok IM 4 bhala certifikat mediku ma kontx ergajt ezaminajt lil pazjenta Mary Cachia. Nghid meta jiena irrilaxxjata hemm certifikat u nizzilt il-feriti kienu ta' natura gravi u dan ghamiltu fuq il-memorja li kont rajt qisu xi xahar qabel.

Nghid illi jiena minn dakinhar sal-lum lil pazjenta Mary Cachia ma kontx rajtha. Qieghed naraha illum lil dina l-pazjenta parte civile prezenti fl-Awla. U mid-distanza li qieghed nara jiena ma jidhirx li dina ghandha xi marki. U dina qeghda bhala distanza minni xi hames piedi. Nghid qieghed issa ukoll nersaq fil-vicin tal-parte civile u kif qed nara fil-vicin ma jidhrux marki fuq wiccha. Nghid illi kif qed naraha bhal issa ma jidher li hemm xejn permanenti bhala griehi fuq il-pazjenta Mary Cachia. Lanqas jidher li hemm sfregju fil-wicc ta' l-istess pazjenta."

Issir ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta' Mary Cachia li fis-Seduta tat-12 ta' Settembru, 2007, qalet:

"Nghid prezentement ninsab rikoverata fl-isptar Monte Carmeli. Nghid illi jiena l-ahhar rikoveru tieghi kien mill-ahhar ta' Frar li ghadda sa issa pero' precedentement jiena kont ghamilt zmien twil rikoverata fl-istess sptar.

Anzi nghid illi jiena kont ghamilt 33 sena fl-istess sptar Monte Carmeli. Nghid illi kien Mintoff li lili kien harigni mill-isptar Monte Carmeli u kien tani dar biex noqghod fiha f' tas-Sliema. Kien hemm marida jisimha Angela u kienet qabdet mieghi. Nghid dina Angela lili qabdet ittini u jiena ma tkompliex tkorrini, jiena tlaqt biex ma tkompliex ittini. Anzi nghid illi kien hemm tabib li lili tellghani fuq. Imbaghad kien hemm impjegata li giet fuqi. dina taghtni daqqa ta' ponn go ghajnejja. Nghid dina qabditni minn xaghri u taghtni bil-ponn f' ghajnejja. U hawn nixtieq nipprecisa illi dina l-impjegata kienet gibditni minn xaghri u taghtni fuq ghajnejja qabel gie t-tabib u kien tellghani fuq. Nghid li imbaghad kien hemm impjegata ohra ta' l-isptar li b' ordni tat-tabib tellghuni fuq.

Nghid wara li l-impjegata taghtni bid-daqqa ta' ponn jiena bqajt hemm fil-ward u dina l-impjegata telqet. Imbaghad b' ordni tat-tabib kien hemm impjegata ohra li tellghuni fuq. Fuq nispjega gos-sala ta' fuq. Jiena l-ward tieghi hija ward 3 u kienu tellghuni fil-ward 3B. Nghid fil-ward 3B qeghduni go kamra wahdi. Nghid jiena meta tellghuni fil-kamra wahdi gol-ward 3B id-daqqa t' ghajn f' ghajnejja kont diga qlajtha u qlajtha fis-sular tas-sala tieghi gol-ward 3. Sa kemm tellghuni il-ward ta' fuq ghajnejja kienet diga' intefhitli. Id-daqqa qlajtha fuq ghajnejja x-xellugija. Nghid jiena meta imbaghad dahluni fil-kamra bdejt nibza li infaqghatli u l-bocca ta' ghajnejja u ghalhekk bdejt nibza. Pero' imbaghad marret ghajni biha. Nghid jiena fl-ebda hin ma harigli demm. Nghid illi jiena lit-tabib kont ghidtlu ara x' ghamlitli impjegata. Jiena ma semghejtx isem l-impjegata ma hadd. Nghid illi jiena nahseb li kienet tac-celesti li qeghda f' nofs l-Awla bil-qeghda wahedha gewwa l-bank li nahseb li kienet hi l-impjegata li taghtni. Dana ghaliex dina l-persuna ma hiex wiccha gdid.

Jiena jafuni hafna nies ninsa x' jisimha dik u l-ohra. Qed jigi indikat lili li l-persuna li qieghed nindika hija l-imputata. Nghid illi n-nefha li kelli f' ghajnejja damet xi hmistax biex tghaddili."

In kontro-ezami l-istess xhud, fl-istess seduta, qalet:

"Nikkonferma li jiena ma Angela il-marida dina riedet tigi taqbad ittini. U jiena bdejt nimbuttaha li ma jmurx twaqqghani ma' l-art. Dina Angela hija marida hafna u ma hiex f' sensiha. U hija wkoll perikoluza. Dina Angela thobb taghti bl-idejn. Nghid illi dina Angela l-impjegata dina riedet ittini u imbaghad kien hemm l-impjegata. L-impjegata lili qabditni minn xaghri biex jiena ma naqbadx naghti lil Angela. Nghid illi dik li tkun inkarigata fuq l-impjegati nghidilha tal-gejxa blu. Nghid illi l-kbira tas-sala jiena insejhilha l-kbira ghad0-discharge. Jiena nghidilha il-kbira ghad-discharge ghax hija l-kbira li tikkmanda u tghid lit-tabib ikun jista' jibghatni.

Nghid illi jiena kelli xi argumenti ma din il-kbira tal-ward li qeghda fiha jiena u cioe' tal-kbira li tkun bil-libsa blue. Nghid kien ikolli inkwiet ma dina l-kbira ghaliex jien kont nitlobha biex hija tohrogli d-discharge u tkellem lit-tabib halli nitlaq mill-isptar pero' dina ma riditx. Anki jiena meta xtaqt immur fil-gnien hdejn il-morda halli niehu naqra arja il-kbira ma hallitniex. Nghid kienet il-kbira fis-sala li kont fiha jiena illi kienet intervjeniet meta kelli l-glieda ma Angela u li kienet gibditni minn xaghri u taghtni bil-ponn. Nikkonferma li kienet l-in charge illi kienet taghtni bil-ponn u gibditni minn xaghri u jien din nsejhilha l-kbira. B' referenza ghad-domanda li qed issirli mid-Difiza il-ghala ghaliex jiena qabel kont irreferejt bhala persuna li aggredietni bhala l-impjegata u issa qed nghid li hija l-kbira. U jekk qed naghrafha sew il-kbira hija dik tac-celesti li qed nigi infurmata li hija l-imputata. Nghid mindu dhalt jiena, jien mindu dhalt lejn l-ahhar ta' Frar l-isptar Monte Carmeli ta' din is-sena sa kemm inqala l-incident il-kbira dejjem kienet l-istess wahda tas-sala. Wara l-incident jien imbaghad tellghuni f' sala ohra.

Nghid illi meta konna ha nigu fl-idejn jiena u Angela konna qeghdin fis-sala l-kbira. Nghid illi mbaghad il-kbira b' referenza ghal dik li tikkmanda is-sala kienet gewwa s-sala meta taghtni d-daqqa ta' ponn u gibditni minn xaghri. Niftakar li fis-7 ta' Frar li ghadda jien kont mort l-Imsida u hadt rigal tal-Birthday lil Dr Eddie Fenech Adami u kien hemm is-Sinjura tieghu. Dak iz-zmien jien kont ghadni noqghod fir-residenza tieghi tas-Sliema. Nixtieq nghid

allura li prattikament kienet kuginti Dolly li kienet telghatni l-isptar Monte Carmeli. U zewgha huwa Johnny Cachia. Nixtieq nghid li kienet ghal habta ta' Marzu li ghadda illi jiena dhalt l-isptar Monte Carmeli u ghalhekk nghid li kienet ghal habta ta' Marzu li kont dhalt l-isptar Monte Carmeli. Qed nigi mistoqsija mill-Avukat Difensur jekk nafx bil-kelma time out room u nghid illi jiena naf li tezisti l-padded room.

Nghid illi ghandi kun il-padded room ma ghadux jezisti. Nghid illi jiena mir-rikoveru, mid-data li kelli tar-rikoveru sal-lum qatt ma dahluni gewwa l-padded room u nghid illi ghandi kun lanqas ghadu jezisti. Nixtieq nghid illi jiena meta kien hemm l-incident ma Angela lili, jiena ma kienux dahluni gewwa l-padded room u nghid ukoll li illi nahseb illi lanqas kienet tezisti. Ftit wara illi l-infermier ma taghtni d-daqqa ta' ponn ma kienu dahluni gol-padded room. Nerga' nikkonferma li l-padded room m' ghadiex tezisti. Nghid illi sa fejn jiena il-glieda li kelli ma Angela u imbaghad il-kbira kienet gibditni minn xaghri u taghtni f' ghajnejja grat iktar minn sena ilu." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issir issa referenza ghad-deposizzjoni ta' l-Ispettur Ramon Mercieca li fis-Seduta tad-19 ta' Novembru, 2007, qal:

"Qieghed nesebixxi stqarrija ta' l-imputat li qieghed naghraf prezenti fl-Awla liema stqarrija qeghda tigi esebita u mmarkata bhala dok MPA 1. U nikkonferma li l-imputat inghatat it-twissija skond il-Ligi. Nikkonferma wkoll l-imputata rrilaxxat din l-istqarrija b' mod volontarju. Qed naghraf il-firma tieghi, dik ta' WPC 230 Ann Marie Vella kif ukoll ta' l-imputata li ghazlet li tiffirma din l-istqarrija. Dawna il-firem qed naghrafhom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija. Nghid illi fl-istqarrija taghha l-imputata innegat illi hi kienet sawtet lil Mary Cachia. Anzi dina l-imputata ziedet tghid illi hi kienet sabet lil Mary Cachia fit-time out room u kienet taghtha l-ewwel ghajnuna. Hi kienet ukoll ghajtet xi kollegi minn taghha halli jassistu u wkoll gabet tabib." (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro-ezami l-istess xhud, fl-istess seduta, qal:

"<u>Nixtieq nghid fuq domanda li qed issirli mid-Difiza li fl-istqarrija taghha l-imputat tat b' mod dettaljat il-hinijiet dwar x' ghamlet u x' ghamlitx u l-hinijiet li ghamlithom u anke ma' min kienet.</u>  Mistoqsi mill-Avukat Difensur jiena fost il-konsiderazzjonijiet li hadt biex ressaqt lil imputat kelliex ukoll in konsiderazzjoni tac-certifikat mediku li gie moghti lili minn Dr Nigel Camilleri fil-fatt nghid illi jiena kont qieghed nistenna c-certifikat ta' Dr Nigel Camilleri u nghid li fil-fatt dan ic-certifikat wasal ghandi fit-2 ta' Lulju 2007.

Nghid illi ghalkemm illi Dr Nigel Camilleri kien infurma lil PS 914 illi l-griehi sofferti minn Maria Cachia kienu ta' natura hafifa u ghalhekk ahna imbaghad inizjalment konna hrigna charges tad-Distrett nghid illi imbaghad wara in kwantu ghac-certifikat li rcevejt ghat-2 ta' Lulju 2007 minghand l-istess tabib dana ma kien jaghti l-ebda klassifika tal-griehi.  Nghid illi imbaghad jiena kellimt lil PS 914 biex huwa jkellem lil Dr Nigel Camilleri halli dana johrog certifikat in kwantu jew ikun certifikat illi jindikalna n-natura tal-griehi bhala klassifika u wkoll illi jkollu certifikat li jkun b' data fuqu.  Stante li c-certifikat li rcevejt it-2 ta' Lulju ma kien jindika d-data ta' meta kien hareg ic-certifikat.

Nghid illi l-ghada imbaghad it-tabib Dr Nigel Camilleri kien hareg certifikat iehor u cioe' allura fit-3 ta' Lulju 2007 fejn kien kiteb il-griehi huma ta' natura gravi pero' ukoll ma nizzilx fuq dan it-tieni certifikat ma nizzilx id-data ta' meta hareg dan ic-certifikat.  U dana wara iktar minn tliet gimghat insistenza u giri wara dana t-tabib." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issir ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta' Mary Cachia li fis-Seduta tad-19 ta' Novembru, 2007, in kontinwazzjoni qalet:

"<u>Nghid illi f Gunju li ghadda Angela l-marida lili kienet taghtni daqqa u kienet laqtitni fuq ghajnejja tax-xellug. Dak il-hin ahna konna gewwa l-ward.  Nghid dak il-hin illi Angela taghtni d-daqqa l-morda l-ohra kienu reqdin u ma nafx jekk kienx hemm xi hadd li kien rana.  Nghid illi</u>

imbaghad kienu gew xi tliet impjegati li gew jghinuni. Imbaghad meta gew jghinuni l-impjegati jhidirli li haduni gewwa l-ward 10. nghid il-ward 10 hija single room. Nghid illi mbaghad fis-single room hallewni hemmhekk bla hwejjeg minghajr saqqu. Nghid illi gos-single room kien gie tabib jarani. Nghid illi jhidirli li kienu haduni gewwa l-ward 3. Nghid illi fil-ward li kienet sawtitni Angela kien il-ward 8 u fejn jiena kont noqghod dak iz-zmien. Nghid jiena imbaghad kienu gew u kellmuni xi wiehed jew tnejn Pulizija. Nghid jiena lil Pulizija meta rawni kelli ghajnejja minfuha daqs xiex u kont ghidtilhom li kienet l-impjegata. Hawn nixtieq nghid illi Angela lili kienet imbuttatni, kienet l-impjegata li taghtni fuq ghajnejja tax-xellug. Nghid illi jiena nghid illi hija l-persuna li qed nindika bil-flokk l-ahmar li qed jigi indikata lili li hija l-imputata, nghid illi hija impjegata illi kienet taghtni d-daqqa fuq ghajnejja. Nghid illi lili Angela il-marida, nghid jiena ma Angela kelli argumenti, imma Angela ma kinitx sawtitni.

Fil-fatt nixtieq nghid illi lili kienu gew jghinuni iktar minn tlieta minn nies. Kienu gew xi hamsa. Nghid illi jiena nahseb illi l-imputata taghtni d-daqqa fuq ghajnejja ghaliex jiena kont domt ma rqadt. Nixtieq nghid issa li jista' jkun li kienet taghtni d-daqqa l-imputata minhabba tazza mishun li kont tlabtha. Nghid l-impjegata taghtni fuq ghajnejja gewwa l-ward 8. Dawk li gew ituni l-ghajnuna gew minn swali ohrajn. Dawk li gew jghinuni kienu nurses ukoll. Nghid illi l-persuna li qed nindika fl-Awla li qed jigi riferut lili li hija l-imputat lili l-ewwel li taghtni kien meta kienet qeghda wahedha. Dana nghid illi jew ghax domt ma norqdilha jew inkella ghaliex ridtha ittini mishun. Nghid illi meta gew in-nurses l-ohra beix jghinuni l-imputata lili quddiem in-nurses l-ohra baqghet ittini." (Sottolinjar tal-Qorti).

In ri-ezami l-istess xhud, fl-istess seduta, qalet:

"Nghid illi jiena fuq il-persuna li qed nirreferi fl-Awla li qed nigi nfurmata li hija l-imputata jiena ma nafx x' jisimha pero' minn wiccha jien gharraftha." (Sottolinjar tal-Qorti).

In ri-kontro-ezami l-istess xhud, fl-istess seduta, qalet:

“Nghid jiena l-impjegata li sawtitni hija nurse. Nghid illi dina l-impjegata li sawtitni hija impjegata nurse.” (Sottolinajr tal-Qorti).

Issir referenza ghad-deposizzjoni ta’ l-imputata Dolores Galea nee’ Savona li fis-Seduta tat-3 ta’ Dicembru, 2007, qalet:

“Nghid illi jiena mizzewga u ili mizzewga dsatax –il sena u ghandi zewgt itfal u ili nurse 27 sena. Prezentement l-kariga tieghi hija ta’ nursing officer gewwa female ward 3 8 fl-isptar Monte Carmeli. Jiena qabel kont hdimt ukoll fil-Karen Grech theatre kif ukoll hdimt fil-main theatre ta’ l-isptar San Luqa, prezentement qeghda l-isptar Monte Carmeli. Jiena ili bhala nurse gewwa l-isptar Monte Carmeli ghal dawn l-ahhar sbatax –il sena. Nghid illi dan huwa l-ewwel incident li nqala fil-karriera tieghi u nghid jiena qatt ma kelli xi rapporti jew inkella xi problemi fix-xoghol tieghi ma xi pazjenti. Nghid illi ghadha kif inqratli l-istqarrija tieghi datata 15 ta’ Lulju 2007 li hija esebita bhala dok MPA 1 u li tinsab minn folio 32 sa 34 tal-process u jiena nikkonferma l-kontenut kollu ta’ din l-istqarrija. Nixtieq nghid illi meta kien hemm l-incident bejn Mary Cachia u l-pazjenta l-ohra Angela nghid fl-istadju li jiena mort fuq il-post innutajt illi Angela kienet fl-ismoking room li l-bieb kien miftuh u barra l-ismoking room kien hemm Mary Cachia.

Dak l-istadju d-diskors argument bejniethom kien ghadu sejjer. Nghid illi jiena minn dak li stajt nikkonstata vizwalment innutajt li kemm Mary Cachia u kemm il-pazjenta l-ohra Angela Bugeja dawna ma kellhom griehi fuqhom. Nghid jiena skond il-pazjenti l-ohra li kien gara kien illi l-pazjent Angela kienet qabdet siggu biex taghti lil Mary Cachia bih, dina kienet marret u gabet, qalghet xkaffa u gabitha biex hija tiddefendi ruhha u taghti lil pazjenta l-ohra Angela pero’ hadd ma qalli li fil-fatt spiccaw biex dawn taw lil xulxin.

Nghid l-ixkaffa ahna nehhejniha minn idejn Mary Cachia. Nghid meta wasalt jiena Angela ma kelliex is-siggu f' idejha. Nghid xi hadd minnha jew jien jew Pauline Bellizzi nehhejna minn idejn Mary Cachia dina l-ixkaffa u nghid illi dina m' ghamlitx rezistenza biex tittiehdilha dina l-ixkaffa.

Nghid dakinhar Mary Cachia kienet disturbata hafna. Fil-fatt filghodu kellna nordnaw li hija titpogga fit-time out room u anki konna gibnilha tabib u nghid wara dna l-incident jiena hadt id-decizjoni beix dina terga' tikkalma titpogga fit-time out room. Pero' f' din it-tieni okkazzjoni il-bieb hallejnihula mbexxaq. Nghid illi l-pazjenta Mary Cachia kemm fl-ewwel okkazzjoni ta' dakinhar li kienet fit-time out room kif ukoll fit-tieni wahda hija kienet bil-hwejjeg u nichad li dina kienet bla hwejjeg. Nixtieq nghid illi in kwantu ghal fatt illi fit-tieni okkazzjoni ma kienx hemm saqqu fuq is-sodda tat-time out room nikkonferma li ma kienx hemm saqqu pero' nghid dan ghaliex filghodu meta l-istess pazjenta Mary Cachia kienet qeghda f' sessjoni gewwa t-time out room dina kienet bdiet tqatta s-saqqu u anke l-imhaded u peress li dawn tal-foam kien ta' periklu ghaliha.

Konsegwentement nehhejna s-saqqu u l-imhaded u wkoll nehhejna l-injam tas-sodda ghaliex dina fl-ewwel okkazzjoni bdiet tghollihom. Ghaldaqstant meta dahhalniha ergajt fit-tieni okkazzjoni is-sodda li kien hemm, kien hemm il-mollol pero' ma kienx hemm l-injam u lanqas saqqu jew imhaded. Nghid illi sa kemm il-pazjenta Mary Cachia dahlet fit-time out room fit-tieni okkazzjoni jien nikkonferma bil-gurament tieghi li dina ma kellha ebda feriti jew griehi f' wiccha. Meta jiena kont dhalt fit-time out room u rajt lil pazjenta Mary Cachia saqajha ma' l-art nghid il-parti ta' rasha kienet ghadha fuq is-sodda. Nixtieq nghid li l-pazjenta Mary Cachia qaghdet fuq din is-sodda rasha qeghditha fuq in-naha li s-soltu jkun hemm is-saqajn.

Meta dhalt innutajt illi dina kellha demm ma' wiccha kif ukoll kien hemm demm ma' l-art hdejn is-sodda b' korrispondenza ma' ras Mary Cachia. Nghid illi fuq

<u>wiccha Mary Cachia kellha demm u nghid li fil-fatt id-demm beda niezel hairline u niezel 'l isfel ma wiccha. Hija wkoll kellha demm ma' jdejha u kellha xi ftit demm ma hwejjigha. Nghid matul dawn l-ahhar erba' snin li dina l-pazjenta kienet taqa' taht il-ward tieghi hija diversi drabi talbitni biex hija tigi discharged mill-isptar jew okkazzjonijiet ohra biex hija tinghata leave jew inkella wkoll biex tkun tista' tohrog fil-gnien. Nghid illi jiena pero' dan ma kienx poter tieghi li jiena nista' niehu dawn id-decizjonijiet.</u>

<u>Dan kien responsabilita' tat-tabib.</u> Jiena li stajt naghmel hu jekk is-sitwazzjoni kienet tkun gravuza ghal pazjenta nitlob ir-regola tal-permess. U nghid kellna okkazzjoni fejn ghamilna revoka tal-permess u jiena tlabtha kienet peress li din il-pazjenta tbaghti bil-fits dina darba minnhom taha fit meta kienet fil-gnien allura kien ikun opportun li jigi sospiz il-permess taghha ghal fit. U hekk gara. Nghid ukoll illi dina ma kinitx kandidata ghal biex tohrog fuq il-leave ghax ir-residenza taghha kienet sub standard.

Is-sodda li kienet fuqha l-pazjenta fit-time out room kienet tal-hadid. In kwantu ghat-tustieri ta' din is-sodda, il-parti fejn solitament persuna tqieghed rasha t-tustiera hija baxxa ghaliex dawna s-soddod bil-fors ikunu baxxi u wiehed jista' kwazi jqieghed rasu fuq it-tustiera tan-naha tar-ras daqs li kieku kienet imhadda. Fil-pozizzjoni fejn kien hemm pero' l-pazjenta qeghda allura kienet qeghda b' rasha fuq in-naha tas-saqajn it-tustiera hija ferm iktar baxxa u allura ma setghetx taghmel rasha fuq it-tustiera.

Nghid illi jiena malli dhalt f' din il-kamra fejn kien hemm il-pazjenta Mary Cachia il-pazjent kienet qeghda hi tipprova tqum. Nghid illi dina l-pazjenta damet fit-time out f' din it-tieni okkazzjoni ghal madwar nofs siegha. Nghid jiena l-pazjenta dahlet fit-time out room fil-hamsa u nofs u ta' filghaxija. Fis-sitta smajt bieb jinstabat li jiena presumejt li kien il-bieb tat-time out room peress li dak ahna konna hallejnih miftuh u mbaghad sibt is-sitwazzjoni li ghadni kif iddeskrivejt. Nghid f' din it-tieni okkazzjoni din il-pazjenta ma kienet inghatat l-ebda forma ta' medicinali biex tigi kkalmata.

U nghid illi ma neskludiex li seta' dahal haddiehor fil-kamra u dan in vista li ghidt illi smajt il-bieb jinstabat u lanqas neskludi li setghet anke l-istess pazjenta harget u dahlet f' dina t-time out room f' dak il-lust ta' perjodu ta' nofs siegha. Nghid bejn l-ufficju tieghi u l-bieb tat-time out room hemm tul qisu din l-Awla u kwart din l-Awla. Nghid mill-ufficju fejn kont qeghda jiena wiehed ma jarax it-time out room. Nghid it-time out room qeghda fis-sala u l-pazjenti l-ohra ghandu liberu access ghaliha. Nghid il-hin li dahhalna l-pazjenta Mary Cachia fit-time out room kien ghal habta tal-hamsa u nofs ta' filghaxija u jiena bl-ebda mod ma nsistejt maghha li hija kellha torqod.

Nghid l-pazjenta Mary Cachia fl-ebda hin lili ma talbitni tazza mishun. Dana in kwantu ghal hin li dina damet fit-time out room. X' hin jiena sibt lil pazjenta Mary Cachia imwegga' l-istaff tal-ward taghna biss kien involut biex nghinuha u ntuha l-ghajnuna. U jiena nichad li gew staff minn swali ohra biex ituha l-ghajnuna. Ahna imbaghad cempilna t-tabib. U nghid in kwantu meta kien hemm dak l-argument bejn il-pazjenta Mary Cachia u l-pazjenta l-ohra Angela nghid involuti bhala nurses u staff biex inwaqqfu l-argument konna kollha nies ta' l-istess ward. Nghid sa kemm ahna sejjahna lil Dr Nigel Camilleri, dan gie fuq il-post u imbaghad huwa dewwa lil din l-pazjenta Mary CACHIA bhala trapass ta' hin kien madwar kwarta.

Nghid illi jiena meta mbaghad skoprejt fit-time out room il-pazjenta Mary Cachia mwegga' jiena tajtha l-ewwel ghajnuna. Sejjaht ghal kollegi. Dawn kienu Pauline Bellizzi u Georgina Zammit. Ahna pruvajna intuha l-ewwel ghajnuna fit-time out room. Wara hrigniha minn din il-kamra u hadniha fl-ufficju tieghi. Imbaghad Dr Nigel Camilleri ra l-pazjenta Mary Cachia fl-ufficju tieghi. Nghid li fil-mument illi jiena ndunajt li Mary Cachia fit-time out room li kienet imwegga' sal-mument illi spicca kollox ghaddew bejn wiehed u iehor xi ghoxrin minuta u ghalhekk nghid li t-tabib dam xi hames minuti biex jigi minn meta kont jiena dhalt fil-kamra u ndunajt b' Mary Cachia u imbaghad gie fuq il-post. Nghid illi f' dan il-hin kollu Mary Cachia ma ghamlet ebda akkuzi fil-konfront ta'

xi hadd. Nghid fil-hin li konna qeghdin indewwu lil pazjenta Cachia fit-time out room naf li gew xi pazjenti li ttawlu fil-kamra pero’ dak il-hin jiena kont qeghda f’ xogholi u ma qaghdtx noqghod nara min kienu dawn il-pazjenti.

Nghid wara li Dr Nigel Camilleri taha l-assistenza tieghu l-pazjenta Mary Cachia marret fis-sodda taghha gos-sala taghha u ma marritx go swali ohrajn. Nghid jiena bil-gurament tieghi li fit-8 ta’ Gunju 2007 gewwa l-isptar Monet Carmeli jiena bl-ebda mod ma sawwat jew weggajt lil pazjenta Mary Cachia.” (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro-ezami l-istess xhud, fl-istess seduta, qalet:

“Qeghda nigi mistoqsija mill-prosekuzzjoni x’ kien l-iskop illi once illi l-pazjenta Mary Cachia hija persuna aggressiva illi dina meta inghalqet fit-time out room fit-tieni okkazzjoni dakinhar il-bieb tat-time out room thalla miftuh nghid illi hemm procedura specjali biex wiehed jaghlaq persuna fit-time out room u dan fis-sens illi meta jinghalaq il-bieb wiehed irid ipoggi nurse mal-pazjenta u jrid igib l-awtorizzazzjoni tat-tabib biex jaghmel dan.

Nixtieq nghid illi dakinhar filghodu meta kienet tpoggiet fit-time out room il-pazjenta kienet bil-bieb maghluq u kienet uriet certu ammont gholi ta’ aggressivita’. In kwantu ghat-tieni okkazzjoni allura ghal dik tal-hamsa u nofs ta’ filghaxija is-sitwazzjoni hassejt li kienet tali li kien hemm bzonn illi l-pazjenta tikkalma iktar minn kull haga ohra u allura ma hassejtx il-htiega li tigi addottata il-procedura tal-bieb maghluq. Dina il-pazjenta Mary Cachia gieli qalet kliem fis-sens bhal li titghallaq pero’ qatt effettivament ma ghamlet gesti tali li jwasslu ghal xi tentattiv ta’ suwicidju.

<u>Nghid dakinhar filghodu fl-ewwel okkazzjoni tat-time out room nghid il-pazjenta spiccat biex kisret hgiega u kellna nnehuhiela biex nevitaw periklu ghaliha. Nghid dina l-pazjenta Mary Cachia minhabba l-marda taghha ghandha l-vizzju li tieghu hwejjeg ta’ pazjenti ohra jew inkella tohdilhom il-hwejjeg minxurin u konsegwentement dan il-fatt iwassal li jkollha problemi u nkwiet ma’ pazjenti ohra.</u>

U dana l-kaz kien kaz fejn kellha argument ma' dina Angela pero' peress li jiena kont rajt is-sitwazzjoni filghodu fejn hija u cioe' Mary Cachia kienet hafna iktar aggressiva mis-sitwazzjoni ta' filghaxija ghalhekk hadt id-decizjoni li fit-time out room titpogga bil-bieb imbexxaq.

Nixtieq nghid illi nichad dak li qeghda tghid il-prosekuzzjoni u cioe' li jiena lil Mary Cachia kont diga' sawwatha u weggajtha meta kienet ghadha ma dahlietx fit-time out room nghid jiena lil Mary Cachia ma kontx sawwatha u nghid Mary Cachia meta dahlet fit-time out room ma kellha l-ebda feriti. U jiena qabel ma dahhaltha fit-time out room il-hin kollu kellimniha lil Polly Bellizzi u lil Georgina Zammit li kien hemm pazjenti prezenti. U jiena nichad li jiena din sawwatha. nghid illi kif sehh dana il-kaz rigwardanti Mary Cachia la pazjenta kienet wegghet ikun sar report jghidulu nursing report li f' dan l-okkazzjoni ktibtu jiena u jsiru wkoll medical reports da parti tat-tabib li f' dan il-kaz minn Dr Nigel Camilleri li dana l-medical report ikun fil-file mediku tal-pazjenta.

Nghid dakinhar jiena ktibt in-nursing report jien ghax jien dakinhar kont in-Nurse in charge. Nghid imbaghad wara isir l-incident u l-accident report. Nghid illi imbaghad jimtela l-incident and accident report. Parti timtela minn nurse u parti timtela mit-tabib. Dakinhar peress li kont in charge jiena dana r-report ghamiltu jiena u t-tabib Dr Nigel Camilleri mela l-parti tieghu.

Qeghda nigu murija dok IM 1 u minn folio 14 sa folio 15 u nghid il-parti li qeghda f' folio 14 hija mimlija minnhi bhala nursing officer in kwantu ghal parti li qeghda folio 15 tak-process giet mimlija minn Dr Nigel Camilleri. Nghid jiena kont gejt infurmata li dahlu l-Pulizija f' dan il-kaz l-ghada s-Sibt meta kont gejt informata li fil-fatt kienet dahlet il-Pulizija f' dan il-kaz. Nghid jiena qatt ma kelli kaz qabel fejn kienet indahlet il-Pulizija. Nixtieq nghid illi jiena lit-tabib lil Dr Nigel Camilleri li nfurmajtu kien l-istat li sibt il-pazjenta fih u li kienet qeghda tipprova tqum fuq is-sodda. M' ghidtlux illi l-pazjenta kienet waqghet. Nghid u fil-fatt qeghda nigi mistoqsija mill-Ufficjal Prosekutur l-ghala fid-dok IM 1 a fol1015 tal-process hemm indikat mit-tabib illi l-

pazjenta waqghet nghid effettivament din hija l-konkluzjoni li wasal ghaliha hu pero' jiena m' ghidtlux illi l-pazjenta kienet waqghet.

Nghid jiena u dan b' referenza ghad-domanda li qed issirli mill-Ufficjal Prosekutur ghal fatt li Dr Nigel Camilleri fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2007 fid-deposizzjoni dan kien qal is-segwenti "Nixtieq nghid illi jiena l-parti fejn imlejt jien illi l-pazjenta soffriet fall nghid illi dina nizziltha skond l-informazzjoni li n-Nursing Officer duty li kienet fit-8 ta' Gunju 2007 kienet infurmatni". Nixtieq nghid illi jiena ma kontx ghidt lit-tabib li dina kienet waqghet. Jiena kont ghidtlu li dina l-pazjenta setghet jew kellha fit jew giet imsawwta minn pazjenti ohrajn jew setghet waqghet. U konsegwentement jiena t-tabib kont semmejtlu diversi options ta' x' setgha gara.

Jiena lil Dr Nigel Camilleri stante li kien hemm head injury u gia' fiha procedura normali ghidtlu illi kien ikun opportun illi jsir x ray u wkoll jsir 24 hour level of consciousness charting. Dina tkun tikkonsisti f' domandi li jsiru lil pazjenta biex wiehed jikkonstata l-istat ta' koxjenza taghha o meno. Dana biex iwassal minhabba l-kwistjoni ta' head injuries. Pero' t-tabib lili kien qalli li ma kienx hemm ghalfejn. Nixtieq nghid illi huwa minnu illi ovvjament gerarkija t-tabib pjuttost jaghti instructions lin-nurse u mhux vice versa.

Pero' dana gieli jkun hemm tali htiega ghax ikunu tobba godda u jkun hemm nuqqas ta' esperjenza dwar procedura. F' dan il-kaz pero' Dr Nigel Camilleri huwa tabib li kellu certu esperjenza pero' dana hass ma joqghodx fuq dan li ssugerejtlu jien u jien hassejt li kelli nghidulu ghaliex kien hemm sitwazzjoni fejn kellna pazjenta b' head injury. Inzid nghid ukoll li hija f' kazijiet ta' head injury routine li jsir dak li jiena suggerejt lit-Tabib Dr Nigel Camilleri." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issir referenza ghad-deposizzjoni ta' Edward Borg li fis-Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2007, qal:

"Jiena Kap Ezekuttiv ta' l-isptar Monte Carmeli. Jien ilhi nokkupa din il-kariga ghal dawn l-ahhar sitt snin. Nikkonferma li jiena lil imputat Dolores Galea nafha. Nghid illi jiena nafha professjonalment fis-sens illi l-imputata hija wahda minn Nursing Officer gewwa s-swali tan-nisa fl-isptar Monte Carmeli. Nghid jiena kemm ili nokkupa din il-kariga l-imputat kienet Nursing officer fl-imsemmija sptar. Nixtieq nippreciza wkoll illi jiena b' kollox ili fl-isptar Monte Carmeli ghal dawn l-ahhar ghaxar snin. Fl-ewwel erba' snin kont bhala Head Finance and Administration u imbaghad dawn l-ahhar sitt snin fil-kariga prezenti. U nikkonferma wkoll li l-imputata kienet tahdem ukoll fl-istess sptar. Matul dan il-perjodu li nista' nghid dwar l-imputata nghid huwa, jiena lil din il-persuna nafha bhala persuna professjonali.

Tul dan il-perjodu kollu ta' ghaxar snin qatt ma naf illi ttiehdu xi proceduri jew xi records ta' dixxiplina fil-konfront taghha. U inzid nghid ukoll illi iktar minn hekk jiena qatt ma smajt xi ghajdut hazin rigwardanti l-imputat dan ghajr ir-rapport illi ghandna mertu tal-kawza odjerna. Meta dahal ir-rapport dwar l-incident tat-8 ta' Gunju 2007 ahna mil-lat amministrattiv ahna ghamilna review tal-kaz biex naraw kienx hemm lok li jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront ta' xi hadd. Jien qabbad bhala chairperson lil Mr John Degiorgio li huwa Acting manager Nursing Services ta' l-isptar Monte Carmeli bhala chairman. Nghid imbaghad da parti tieghu imbaghad qabbad giex membri ohra f' dana l-board li kienu departimental nursing services. Jhidirli dawn kienu Gaetano Gusman u Tony Mifsud. Nghid illi jiena imbaghad tajt l-awtorizzazzjoni lil dan il-board biex huwa jaghmel l-ezami ta' l-akkadut u wara jirraporta lili u jirraporta wkoll lid-Direttur tal-psikjatrija u cioe' Dr Joe Saliba.

Dana sar u r-rizultanzi ta' dan ir-review board kien, il-konkluzzjonijiet ta' dan il-board wara li huma kellmu lil diversi persuni kien li s-sitwazzjoni kienet li kien hemm il-verzjoni tal-pazjenta u l-verzjoni ta' pazjenta ohra li qalet li kienet rat xi haga sehh. Li kienet ukoll fl-istess ward mal-pazjenta Mary Cachia. Nghid imbaghad Mary Cachia

kienet qalet li din allegatament kienet giet imsawta f' post filwaqt li dina l-pazjenta l-ohra kienet qalet li Mary Cachia tigi msawta f' post iehor. Dawn iz-zewg pazjenti kienu qalu li dina, li Mary Cachia effettivament kienet giet imsawwat mill-imputata. Ovvjament qed nghid dawn iz-zewg pazjenti wahda minnhom hija Mary Cachia stess. Nghid illi dana l-board kien approcja u semmgha lil nurses l-ohra li kien hemm dakinhar fil-ward fejn in-nursing officer kienet l-imputata.

Il-konkluzzjoni finali ta' dan il-board kienet li ma setax jigi stabbilit li l-imputat kienet sawtet lil pazjenta Mary Cachia u dana stante ghaliex l-iktar punt fundamentali u cioe' fejn allegatament giet imsawwta din Mary Cachia ma kienux qeghdin jaqblu fiha. Stante l-lokalita' li kienu qeghdin isemmghu wahda u l-ohra huma distanzi sew minn xulxin. Nghid illi certament bhala distanza bejn lok u iehor li semmiet pazjenta u li semmiet pazjenta l-ohra Mary Cachia, bhala distanza hemm izjed minn tliet darbiet tul din l-Awla. U nghid illi dawn ghalkemm huma fl-istess sala l-funzjonijiet ta' dawn il-kmamar kienu differenti. Fil-fatt wahda semmet id-dormitorju u l-ohra semmiet it-TV room.

U jhidirli li l-pazjenta Mary Cachia semmiet id-dormitorju u l-pazjenta l-ohra semmiet it-TV room. Nghid illi prezentement l-imputata ghadha tahdem fl-istess dormitorju ukoll bl-istess kapacita' ta' nursing officer. U nerga' nghid illi in kwantu salv dan l-allegat kaz ahna qatt ma kellna complaints jew problemi b' dina l-imputata." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issir issa referenza ghad-deposizzjoni ta' Konsulent Psikjatra Dr Joseph Saliba li fis-Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008, qal:

"Jiena Direttur tal-psikjatrija fl-isptar Monte Karmeli. U nghid illi in kwantu ghal rapport li kien ghaddieli il-bord l

kien kompost minn Mr John Degiorgio, Mr Anthony Mifsud u Mr Gaetano Gusman illi sar rigwardanti l-kaz mertu ta' din il-kawza nghid ir-rapport kien gie mghoddi lili. Qieghed nesebixxi vera kopja ta' dana r-rapport illi hija wkoll iffirmata minni bhala vera kopja u li qeghda tigi esebita u mmarkata bhala dok DJS 1. nixtieq nghid ukoll illi jiena stante illi l-konkluzjonijiet ta' dan ir-rapport kienu nkonklussivi jiena ghamilt minuta fil-file li ghaddejtha lis-Sur Edward Borg, u jien ghidtlu li l-konkluzjonijiet raggunti f' dan ir-rapport huma inkonkluzi u ghaldaqstant jiena ghidtlu biex huwa jara x' kull azzjoni mehtiega li ghandu jiehu. Imbaghad bhala risposta ghal dina il-minuta li ghamilt jien gejt infurmat kif irrizulta mill-file stess dipartimentali li l-kaz kien riferut lil Dr John Cachia direttur ta' l-isptarijiet u li Dr John Cachia kien imbaghad talab inkjesta dipartimentali. Jiena ma gejtx infurmat bil-konkluzjonijiet ta' l-inkjesta dipartimentali.

Qieghed nesebixxi bhala dok DJS 2 estratt mill-medical file ta' Maria Cachia u dana l-estratt huwa vera kopja minni ffirmat bhala vera kopja. Nixtieq nghid illi l-highlighted li hemm fuq dana l-estratt li ghadni kif esebejt ghamiltu jiena."

Issir ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta' John Degiorgio li fis-Seduta ta' 28 tat-Marzu, 2008, qal:

"Jiena inkarigat minn Nursing staff ta' l-isptar Monte Carmeli. Qed nigi muri d-dokument dok DJS 1 u nghid illi dan huwa rapport maghmul minn Board li kellu jinvestiga rigwardanti l-mertu ta' dana l-kaz u nghid illi jiena kont membru ta' dana l-bord. Nghid fuq dana ir-rapport qed naghraf il-firma tieghi, dik tas-Sur Anthony Mifsud kif ukoll tas-Sur Gaetano Gusman. Dawna l-firem qed naghrafhom fuq dina d-dokument. Jiena nikkonferma li mbaghad dana r-rapport intbaghat lil Direttur tal-Psikjatrija ta' l-isptar Monte Carmeli Dr Joseph Saliba."

Issir referenza ghad-deposizzjoni ta' John Degiorgio li fis-Seduta tas-17 ta' Marzu, 2008, in kontinwazzjoni qal:

"<u>Nghid illi jiena Acting Manager Nursing Services fl-isptar Monte Carmeli u ili hekk mill-elfejn u tnejn (2002).</u> Nghid illi qabel jiena kont Departimental Nursing Manager ukoll fl-isptar Monte Carmeli. Jiena kont nieku hsieb l-Accute Department u cioe' il-pazjenti li jkunu ghadhom kif gew ammessi.
<u>L-imputata nafha. Ilni naf lill-imputata mis-snin disghin. Jiena lill-imputata kont nafha bhala staff nurse u wkoll bhala nursing officer. Jien nghid, jiena lill-imputata nafha bhala nurse li taghmel li tista' biex hija tieghu hsieb il-pazjenti taghha u nghid illi mis-sena elfejn u tnejn (2002) sallum, jiena qatt ma naf li kien hemm xi complaints dwarha, dwar l-attitudni taghha fil-konfront ta' pazejenti.</u>

Nghid illi jien kont formanti parti mill-inkjesta nterna illi saret fuq incident illi allegatament kienet involuta fih l-imputata u l-pazjenta Maria Cachia. Nghid illi mill-indagni li ghamilna ir-rizultati jidhru li kienu illi l-pazjena Cachia kienet qalet li hi giet mghajjra u msawwta f'parti tas-sala. U skont ir-written statements li jiena hadt mill-istaff kollu u ukoll inkluzi xi pazjenti, u hawn hekk nixtieq nippreciza li jiena qabel ma hadt l-istatements tal-pazjenti, jiena kellimt lill-konsulent ta' kull pazjent involut, biex nara jekk dawn kienux kapaci illi jaghmlu statement. U lil kull min hadtilhom l-istatements ta' dawn il-pazjenti allura jiena kelli l-approval tal-konsulent. Irrizulta li kemm mill-istatements tan-nurses u kif ukoll mill-istatements tal-pazjenti, dak li irrizulta kien illi fil-fatt ma jirrizultax dak li allegat il-pazjenta in kwantu fejn qalet hija illi kienet giet imsawta u aggredita u cioe' fil-post fejn skond hi kienet giet imsawta u aggredita.

<u>Nghid illi kien hemm pazjenta bl-isem ta' Julia Debono li dina kienet qalet li kienet rat lill-imputata Dolores Savona taggredixxi u ssawwat lill-pazjenta Maria Cachia. Pero' skond dina l-pazjenta, dak li qaltilna kien illi kienet ratha taggrediha, mhux fil-post fejn l-istess pazjenta Maria Cachia kienet qaltilna li giet aggredita. Jiena naf illi l-pazjenta Julia Debono kellha argument dwar xi mobile ma' l-imputata.</u> Nghid illi bhala policy li ghandna gewwa l-isptar Monte Carmeli, ahna ma naghmlux distinzjoni bejn l-istaff u l-pazjenti in kwantu dawn izommu mobile phone

ghandhom. U ghal daqstant la l-istaff izomm mobile phone, il-pazjenti ukoll ghandhom id-dritt li jaghmlu l-istess. U nghid illi pero' f'kaz, u dan jghodd kemm ghal-istaff u kif ukoll ghal-pazjenti, ikun hemm xi hadd minn dawn li tramite l-mobile jiehdu xi ritratt ta' xi pazjenti ohra, dwar dana ahna nkunu nistghu niehdu passi.

Nixtieq nghid illi dwar dina Julia Debono kien hemm istanzi ta' ncidenti fuq il-mobile taghha. Wahda minnhom ghaliex kien hemm xi ritratt fuq il-mobile taghha tal-pazjenta Maria Cachia li kien jidher wiccha bid-dmiegha u kien hemm istanza ohra illi fejn, anzi nghid iktar minn istanza wahda, fejn din l-istess Julia Debono kienet iccempel bil-mobile lit-tobba. U ahna konna tlabna, u dana mill-ufficcju tieghi, lill-konsulent ta' l-istess pazjenta Julia Debono biex jaghtina struzzjonijiet dwar dan il-fatt u hu kien qal illi kien ahjar illi nzommulha l-mobile ta' din il-pazjenta Julia Debono. U il-konsulent kien Dr. Joe Vella Baldacchino. Nghid illi dwar dan, il-pazjenta kienet urtata. Nghid illi peress illi l-imputata hija n-nurse in charge tas-sala in kwistjoni, nghid hija kellha l-obbligu u fil-fatt hekk ghamlet, li kienet irrapurtat lilna bhala awtoritajiet ta' l-isptar dwar il-fatt li dina Julia Debono kienet qieghda taghmel uzu hazin tal-mobile taghha.

In kwantu ghan-nursing staff u kif ukoll il-pazjenti li kienu xi erbgha (4) jew hamsa (5) li xhiedu fl-inkjesta interna li semmejt, kollha ddikjaraw illi l-pazjenta Mary Cachia ma kellha l-ebda injuries fiz-zona fejn hi allegatament qalet illi giet attakkata. Nghid illi wara illi l-pazjenta Mary Cachia kienet harget mit-time out room, fuq ordni tal-konsulent ta' l-istess pazjenta, Dr. Joe Vella Baldacchino, u dan ghal fini fl-interess ta' kulhadd, inkluz anke tal-pazjenta, li dina titpogga f'sala ohra minn dik li kienet qabel, pero' liema sala ma kienetx il-ward ten (10).

Pero' nixtieq hawn hekk nippreciza illi meta l-pazjenta li semmejt inharget mit-time out room, mhux immedjatament marret fis-sala l-ohra imma ghaddew xi jiem. Nghid illi l-ahhar darba li l-pazjenta Maria Cachia giet admitted fl-isptar Monte Carmeli kien fit-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003) u ghadha hemm

sallum. U ghal daqstant, fuq domanda li qieghda ssirli mid-difiza jekk kemm il-darba jirrizultax mir-records ta' l-isptar fuq din il-pazjenta, jekk din il-pazjenta kienetx harget mill-isptar tas-sena elfejn u sebgha(2007) neskludi dana. Fuq domanda li qieghda ssirli mid-difiza nghid illi mill-att ta' nursing reports rigwardanti l-perjodu ta' jiem precedenti ghad-data tat-tmienja (8) ta' Gunju elfejn u sebgha (2007) jirrizulta li fl-ewwel (1) ta' Gunju elfejn u sebgha (2007) il-pazjenta kienet qieghda tiddisturba l-ward. Li dina bdiet tghajjat, bdiet tidghi u ssabbat mal-hitan. U dina l-pazjenta Maria Cachia hija wkoll ghamlet pipi ma' l-art.

Gie kkuntatjat it-tabib Dr. Zahra u dana kien irrakkomanda li dina tinaghta Ativan, li gie moghti. U n-notament li hemm ukoll rigwardanti din id-data tan-nursing report kien illi l-pazjenta kienet qed turi agir ta' paranojja fil-konfront ta' l-istaff, specjalment fil-konfront ta' Dolores Galea nee' Savona. Nghid illi fil-hamsa (5) ta' Gunju elfejn u sebgha (2007) skond in-nursing report, dina l-pazjenta Mary Cachia giet irrapurtata bhala over talkative and disrubtive. In kwantu ghar-rapport tas-sitta (6) ta' Gunju elfejn u sebgha (2007) n-nursing report fuq l-istess pazjenta Maria Cachia ghandna indikat illi fl-erbgha (4) ta' Awwissu wara nofs inhar, dina l-pazjenta Maria Cachia bdiet targumenta mal-pazjenta Angela Bugeja.

Il-pazjenta Maria Cachia ukoll bdiet thedded li kienet sejra ssawwat lil-pazjenta l-ohra, l-imsemmija Angela b'siggu. Gie nfurmat Dr. Cutajar u gie jara l-pazjenta u inaghtat Ativan tal-one (1) mg. U l-istess tabib ordna in kwantu ghall-pazjenta Maria Cachia isirulha blood investigations. In kwantu ghan-nursing report datat sebgha (7) ta' Gunju elfejn u sebgha (2007) fil-konfront ta' l-istess pazjenta Maria Cachia, hemm indikat illi l-pazjenta Maria Cachia kienet argumentattiva hafna u hemm imnizzel illi 'she was quarrelling with other patients'. U specjalment ma' Angela Bugeja. Hemm ukoll miktub illi dina Mary Cachia kienet qed tagixxi b'mod paranojiku fil-konfront ta' l-istaff. B'referenza ghat-tmienja (8) ta' Gunju elfejn u sebgha (2007) in-nursing report fil-konfront tal-pazjenta Maria Cachia hemm miktub illi 'patient was disturbed most of the

day,’ u dana qed nirreferi ghat- tmienja (8) ta’ Gunju elfejn u sebgha (2007). Hemm ukoll imnizzel: ‘had to be transferred to time out room where she tried to tear the pillow and the matress. She even broke a pane of glass of a window. She even over turned a bed in dormitory two (2). Doctor on duty, Dr. Tabone was called and advised Ativan injection stats.’ Hemm ukoll imnizzel illi l-pazjenta irrifjutat blood investigations.

Inzid nghid ukoll illi fuq in-notamenti tan-nursing report rigwardanti l-pazjenta Maria Cachia u rigwardanti d-data tat- tmienja (8) ta’ Gunju elfejn u sebgha (2007), hemm ukoll imnizzel illi l-pazjenta ggieldet ghal darba ohra mal-pazjenta Angela Bugeja. Il-pazjenta Maria Cachia tpoggiet fit-time out room bil-bieb miftuh, fejn fis-sitta (6) ta’ fil-ghaxija gie nnotat illi l-pazjenta kien kellha xi waqgha. U li dina kienet waqghet mis-sodda min-naha tas-sodda fejn ikun hemm is-saqajn. Kellha ‘laseration to her forehead and some brusing and bleeding were present.’ Gie applikat is-silg u li Dr. Camilleri kien gie msejjah biex ikun f’pozizzjoni li jara l-pazjenta. U ukoll hemm imnizzel li l-imsemmija pazjenta Maria Cachia irrifjutat li jsirulha l-punti. Li giet mnaddfa l-gerha u li giet mimlija l-formola li tissejjah incident accident report u li tigi mimlija min-nurses u mit-tobba u illi l-pazjenta naghtat injezzjoni tat-tetonu.

Nghid illi f’dana il-kaz jidher li l-bieb tat-time out room thalla miftuh u nzid nghid ukoll illi fejn pazjenti normalment il-kundizzjoni taghhom ma tindikdax il-htiega illi l-bieb jinghalaq, normalment il-bieb jinzamm miftuh.”

Hawn il-Qorti tosserva li l-pazjenta Julia Debono imsemmija fid-deposizzjoni tax-xhud John Degorgio ma gietx prodotta bhala xhud f’din il-kawza.

In kontro-ezami l-istess xhud, fl-istess seduta, qal:

“Jien qieghed nidentifika lill-imputata Dolores Galea bhala Nursing Officer fl-isptar Monte Carmeli.”

Issir ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta’ Pauline Bellizzi li fis-Seduta tas-17 ta’ Gunju, 2008, qalet:

“Jiena x-xoghol tieghi huwa ta’ enrolled nurse u qieghda stazzjonata fl-isptar Monte Carmeli u qieghda stazzjonata fis-sala 3A Female Ward. Nghid illi lill-imputata Dolores Galea nafha u hija n-nursing officer tieghi. Nghid illi ilni nahdem xi ghaxar (10) jew hdax (11) –il sena ma’ l-imputata. Nghid jiena lill-imputata nafha li tmur tajjeb kemm maghna l-istaff u kif ukoll mal-pazjenti. Nghid illi l-imputata hija n-nursing officer responsabbli mis-sala. Nghid fil-jiem ta’ qabel it- tmienja (8) ta’ Gunju elfejn u sebgha (2007), il-pazjenta Mary Cachia nafha li kienet tkun fi stat li tista’ tghidu dejjem fi stat disturbed u targumenta mal-pazjenti l-ohra. Nghid li l-pazjenti l-ohra ma kienux ikunu jridu lil din Mary Cachia hdejjhom ghaliex jahsbu li din kienet sejra tisraqhom. Naf ukoll illi dina l-pazjenta Mary Cachia kienet iggieldet mal-pazjenta Angela Bugeja. Nghid illi din il-pazjenta Maria Cachia gieli kienet tkun aggressiva fil-konfront taghna l-istaff. Nghid illi fit- tmienja (8) ta’ Gunju elfejn u sebgha (2007) jiena kont qieghda duty fl-isptar. Deherli illi f’dik id-data fil-ghodu, l-pazjenta Mary Cachia kienet irrifjutat il-pilloli. Kienet fi stat disturbed hafna u ma kienet qieghda tikkopera maghna. Kellna nsejjhu t-tabib u naghtat Stat, li hija injection ghal dak il-hin bhala kalmanta. Nghid illi spiccajna li dak inhar fil-ghodu kellna ndahhlu lil Mary Cachia fit-time out room. Dana ghaliex bdiet tagixxi b’mod aggressiv u kienet anke qalbet sodda ta’ taht fuq.

Nghid illi meta fil-ghodu dahhalna lil din il-pazjenta Mary Cachia fit-time out room, konna certament jiena u l-imputata Dolores Galea u jidherli jista’ jkun li kellna xi nursing aid. Nghid illi ahna meta dahhalna lil Mary Cachia gewwa it-time out room fil-ghodu, din ma kella l-ebda griehi fuqha. U mbaghad wara xi hin, din Mary Cachia harget mit-time out room. Issa mbaghad b’referenza ghal filghaxija, u precizament ghal-hatba tal-hamsa u nofs ta’ fil-ghaxija, dina Mary Cachia qabdet tiggieled mal-pazjenta l-ohra Angela Bugeja. U hawn hekk nixtieq nippreciza li jiena ma kontx rajt lil Mary Cachia u din

Angela l-pazjenta l-ohra jiggieldu. Jiena pero' kont gejt imsejjha biex nassisti u nghin u l-kompitu tieghi kien illi l-din Mary Cachia ndhallalha fit-time out room. Fil-fatt nghid illi jiena meta wasalt fil-kurutur, nghid Mary Cachia kienu diga qieghed jimxu biex idahhluha fit-time out room. Nghid illi l-persuni li kienu qieghdin jakkumpanjaw lil Mary Cachia fit-time out room kienu l-imputata u n-nursing aid Georgina Zammit.

Nghid illi jiena kif rajt lil Mary Cachia li qieghda tigi akkumpanjata biex tiddahhal fit-time out room, nghid jiena ikkonstatajt li dina Mary Cachia ma kellha l-ebda griehi fuqha. Jiena mbaghad bqajt nakkumpanja lil Mary Cachia ghal got-time out room flimkien mal-kolloegi li semmejt. Nghid illi ahna ghamilna lil patient fit-time out room. Nghid ahna dahhalna lil Mary Cachia fit-time out room liebsa bil-hwejjeg u ahna dawn il-hwejjeg ma nezzajnijhomliex. Nghid illi ahna mbaghad, jiena u z-zewg (2) kollegi tieghi hrigna 'l barra mit-time out room flimkien. Il-bieb tat-time out room hallajnieh miftuh. Nghid il-pazjenta fit-time out room u qed nirreferi ghal-pazjenta Mary Cachia ma gietx marbua.

Nghid illi dina Mary Cachia fit-time out room ma kienetx qieghda taht constant watch. Nghid imbaghad xi nofs siegha wara u anke jista' jkun aktar wara li konna dahhalna lil Mary Cachia fit-time out room, jiena kont qieghda fl-ufficcju u smajt lill-imputata tghajjatli biex immorru naghtu ghajnuna. U biex ingibu s-silg maghna u nghid illi dina bdiet tirreferi, qed nghid ghall-imputata, biex tirreferi ghalija u ghal Georgina li hija wkoll impjegata biex ahna niehdulha is-silg. Ahna dan is-silg hadnieh fit-time out room. Morna fit-time out room jiena u Georgina. Innutajt lil imputata li dak il-hin kienet qieghda taghmel bi pressjoni bl-lizar fuq mohh il-pazjenta Mary Cachia. Dana biex tkun tista' twaqqaf id-demm milli johrog.

Jiena x'hin dhalt fit-time out room, dak il-hin innutajt li l-pazjenta kienet qieghda fil-qieghda fuq is-sodda u kienet qieghda tassistijha l-imputata. Nghid ahna mbaghad applikajna s-silg u xi hadd cempel biex jigi t-tabib. Gie tabib. Nghid kien gie Dr. Camilleri. Dan ried jaghmel xi

punti fuq il-pazjenta Mary Cachia, pero' din irrifjutat. Nghid li jiena fl-art, fit-time out room hdejn is-sodda fl-art u dana fejn in-naha fejn il-pazjent jqieghed saqajh, pero' ovvjament fl-art, innutajt li kien hemm roqgha demm. Nghid fuq is-sodda jiena ma rajtx demm. Nghid jiena qatt ma rajt lill-imptata ssawwat lill-pazjenta Mary Cachia u nghid illi jiena fil-hin kollu li kont qiegheda prezenti dak inhar tat- tmienja (8) ta' Gunju elfejn u sebgha (2007) fl-ebda hin jew mument ma rajt lill-imptata tagredixxi jew issawwat lill-pazjenta Mary Cachia." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issir ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta' Georgina Zammit li fis-Seduta tas-17 ta' Gunju, 2008, qalet:

"Jiena nursing aid gewwa l-isptar Monte Carmeli u qieghda fil-ward 3A. Nghid illi l-imputata Dolores Galea nafha bhala hija n-nursing officer tas-sala fejn nahdem jiena. U nghid li fid-data tat-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elfejn u sebgha (2007)jiena kont qieghda xoghol fl-isptar Monte Carmeli. Kont qieghda fis-sala fejn nahdem jien. Dana qed nitkellem ghal-perjodu ta' wara nofs inhar. Nghid illi jiena kont qieghda fil-clinic u bdejt nisma jien lill-kollegi tieghi li l-pazjenta Angela Bugeja u l-pazjenta l-ohra Mary Cachia li dawn bdew jiggieldu bejniethom. U konna jiena u l-imputata li morna naraw x'kien qed jigri. Nghid li dan l-incident kien qieghed isehh gewwa l-ismoking area. U meta jiena wasalt li nnutajt kien li dawna z-zewg (2) pazjenti kienu qieghdin jargumentaw bejniethom bil-kliem. Jiena u l-imputata wasalna flimkien fl-istess hin u mbaghad hadna lil Mary Cachia fit-time out.

Nghid illi fit-time out room hadna lil Mary Cachia jiena u l-imputata bil-kollega Pauline Bellizzi gejja warajna. Dahhalna l-pazjenta gewwa t-time out room. Nghid illi sakemm dahhalna lill-pazjenta Mary Cachia gewwa t-time out room, dina l-pazjenta ma kellha l-ebda griehi. Nghid illi ahna konna hadna d-decizzjoni li ndahhlu lil Mary Cachia gewwa t-time out room ghaliex dina Mary Cachia kienet ilha mgerfxa u dejjem tiggieled.

Nghid illi l-pazjenta Mary Cachia, ahna fit-time out room ma nezzajnijiex u lanqas irbatnijha. Nghid illi mbaghad mit-time out room hrigna jiena, l-imputata u Pauline Bellizzi fimkien. Nghid illi ahna u hergin mill-karma, jiena certa illi sa dak il-hin il-pazjenta Mary Cachia ma kellha l-ebda griehi. Nghid illi qabel hrigt jiena kont innutajt li dina l-pazjenta Mary Cachia kienet qieghda bil-qieghda fis-sodda li hemm fit-time out room. Ahna, u cioe' jiena u l-kollegi tieghi, inkluza l-imputata meta hrigna mit-time out room, il-bieb tat-time out room hallajnieh miftuh. Nghid hin minnhom smajna lill-imputata issejjah biex niehdulha s-silg u hawn qieghda nirreferi li din bdiet issejjah lili u lill-kollega tieghi Pauline Bellizzi biex niehdulha s-silg. Ahna morna bis-silg gewwa t-time out room.

Nghid illi jiena kif dhalt fit-time out room innutajt li kien hemm demm ma l-art u dan kien qieghed hdejn is-saqajn tas-sodda. Jiena nnutajt illi Mary Cachia, il-pazjenta, kienet qieghda fis-sodda. Nghid illi l-pazjenta Mary Cachia kienet qieghda wehidha fil-kamra. Nghid illi l-imputata lilna kienet ghajtitilna biex ingibulha s-silg, mil-kurutur. L-imputata ma kienetx qieghda fit-time out room mal-pazjenta Mary Cachia. Nghid imbaghad wara, l-imputata dahlet fit-time out room u jiena tajt is-silg lill-imputata u dina bdiet iddewwi lill-pazjenta Mary Cachia.

Nghid jiena qatt ma rajt lill-imptata issawwat lil Mary Cachia u nghid illi specifikament ghad-data tat-tmienja (8) ta' Gunju elfejn u sebgha (2007), jiena fl-ebda hin ma rajt lill-imputata Dolores Galea tagredixxi jew b'xi mod issawwat lil Mary Cachia u nikkonferma wkoll dak li ghidt, li jien fil-fatt qatt ma rajt lill-imputata tagredixxi jew issawwat lill-pazjenta Mary Cachia." (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti hi tal-fehma li din il-kawza hi ippernjata fuq kwistjoni ta' kredibilita ta' xhieda. Ghalhekk il-Qorti trid tiddeciedi jekk kienx hemm dak il-konflitt ta' provi li a bazi tieghu ghandha necessarjament tasal ghall-konkluzzjoni li

kien hemm dubju ragjonevoli dwar jekk il-Prosekuzzjoni kienitx ippruvat il-kaz taghha ossia l-htija ta' l-imputata skond l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Il-Qorti ghandha l-kompitu li tara jekk l-assjem tal-provi prodotti hu tali li a bazi tieghu din il-Qorti tista' ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-ahhar tasal biex tikkonkludi li dak li qed isostni l-imputata mhux veru u ssib li l-provi jwasslu b'mod inekwivokabbli ghall-htija ta' l-imputata.

Il-Qorti a skans ta' ripetizzjoni taghmel referenza ghas-suespost u senjatament ghal dak sottolinjat minn din il-Qorti.

Mehud in konsiderazzjoni l-versjonijiet moghtija minn Mary Cachia u mill-imputata Dolores Galea nee Savona, fid-dawl tal-assjem tal-provi prodotti u tas-suespost, il-Qorti hi tal-fehma li jemergu dubji serji dwar il-kredibilita tal-versjoni moghtija mix-xhud Mary Cachia u li dan jikkrea dubju ragonevoli dwar is-sussistenza tal-akkuzi migjuba kontra l-imputata, liema dubju ghandu jmur favur l-imputata.

Difatti filwaqt li l-versjoni tal-imputata hi wahda li dejjem kienet essenzjalment l-istess sa mill-bidu tal-investigazzjoni tal-kaz (Ara Statement tal-imputata Dok MPA 1 fol. 32 sa fol. 34 tal-Process u deposizzjoni tal-imputata moghtija fis-Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2007) u liema versjoni tal-imputata hi essenzjalment kollaborata ma dak li xehdu Pauline Bellizzi u Georgina Zammit, il-versjoni li tat ix-xhud Mary Cachia hi wahda li meta tigi ezaminata jemergu certi dubbji dwar kemm tali versjoni hi wahda korretta.

Hawn il-Qorti tirriferi ghal-bran mid-deposizzjoni tax-xhud Mary Cachia li tat fis-Seduta tat-12 ta' Settembru, 2007 fejn qalet "Nghid illi jiena nahseb li kienet tac-celesti li qeghda f'nofs l-Awla bil-qeghda wahedha gewwa l-bank li nahseb li kienet hi l-impjegata li taghtni. Dana ghaliex dina l-persuna ma hiex wiccha gdid."

Il-Qorti thoss li ghandha terga tosserva li il-pazjenta Julia Debono imsemmija fid-deposizzjoni tax-xhud John Degorgio (Ara senjatament fol. 72 u 73 tal-Process) ma gietx prodotta bhala xhud f'din il-kawza.

Ghaldaqstant il-Qorti ma ssibx lill-imputata Dolores Galea nee' Savona hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u minnhom tilliberaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------